CCT/110/12/S

<u>Adrian Abdilla</u>

<u>Vs</u>

<u>Giuseppe Azzopardi ezercenti l-kummerc bhala Bottega del Marmista</u>

Illum [illegible] ta'Novembru,2012.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta'Adrian Abdilla ipprezentata fil-25 t'April,2012 filwaqt li Giuseppe Azzopardi ghalkemm debitament notifikat, baqa' la pprezenta risposta u lanqas deher ghas-seduta tat-8 ta'Novembru,2012;

Ra d-dokumenti pprezentati sema' lill-attur u t-trattazzjoni tieghu maghmula fit-8 ta'Novembru,2012;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda depozitu imhallas filwaqt li x-xoghol ordnat baqa' ma giex konsenjat;

Illi jinghad mal-ewwel li l-konvenut Giuseppe Azzopardi naqas milli jwiegeb ghat-talba ta'Adrian Abdilla u lanqas deher ghas-seduta tat-8 ta'Novembru,2012;

Illi t-Tribunal ghandu quddiemu verzjoni wahda u cioe dik ta'Adrian Abdilla, konfermata bil-gurament u li ma gietx kontradetta bl-ebda mod mill-konvenut;

Illi n-nuqqas ta' dehra tal-konvenut ma jfissirx li dan it-Tribunal m'ghandux jixtarr dak mitlub u kemm dan hu gustifikat;

Illi l-attur xehed li hallas is-somma ta' €350 bhala depozitu ghal wicc tal-kcina li baqa' ma giex konsenjat mill-konvenut anki wara d-data stipulata ta' xahar;

Illi din l-ordni saret fil-25 ta'Jannar,2012;

Illi mhuwiex accettabbli li jithallas depozitu u dak li l-konvenut obbliga ruhu li jaghmel, ma jwettqux minghajr ebda raguni;

Illi l-konvenut ghazel li ma jwigibx u lanqas deher biex jispjega ghaliex ix-xoghol ordnat, ma sarx;

TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Illi mill-provi li tressqu, it-Tribunal hu konvint li t-talba kif dedotta ghandha tigi milqugha fl-intier taghha;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati u fic-cirkostanzi tal-kaz u wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jilqa' t-talba ta'Adrian Abdilla u Jordna lil Giuseppe Azzopardi ezercenti l-kummerc bhala Bottega del Marmista ihallas lil Adrian Abdilla is-somma ta' €350, bl-interessi ta' 8 fil-mija fuq l-imsemmija somma mill-25 ta'Jannar,2012 sad-data tal-eventwali hlas u bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri jithallsu mill-istess Giuseppe Azzopardi.

Richard Sladden Av.
Arbitru

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 - MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070 FAX: (+356) 21239888